MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 383/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-tnax (12) ta’ Novembru elf disa’ mija disgha u disghin (1999) fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta, kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-partijiet ma kellhom l-ebda tfal minn dan iz-zwieg;

Illi r-rikorrenti illi hija ta' origini barranija (Uzbekisan), giet tghix u tahdem Malta fl-1993 u cioe' snin qabel ma ltaqghet mal-intimat;

Illi l-intimat, da parti tieghu, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll matul iz-zwieg, kellu problemi serji ta' abbuz mid-droga;

Illi r-rikorrenti kienet konsapevoli illi l-intimat kellu xi problema ta' droga fil-passat tieghu u cioe' qabel ma ltaqghu, izda l-initmat kien assikuralir-rikorrenti illi l-abbuz tad-droga kienet problema tal-passat u kien ilu illi hareg mill-problema qabel ma ltaqgha maghha. In piu', l-intimat kien assikura lir-rikorrenti illi huwa ma kienx ghadu jabbuza mid-droga u ma kienx sejjer juza droga izjed;

Illi xahar biss wara illi l-partijiet kienu kkuntrattaw iz-zwieg taghhom, ir-rikorrenti dahlet fid-dar matrimonjali ghall-gharrieda u sabet lill-intimat jaghmel uzu mid-droga;

Illi kkonfrontat b'dan il-fatt, l-intimat qal illi kien qieghed juza d-drogi biss darba kultant u dan nonostante illi huwa kien wieghed lir-rikorrenti qabel iz-zwieg illi l-problema tad-droga kienet biss problema tal-passat;

Illi in piu', dakinhar illi kien inqabad jiehu d-droga gewwa r-residenza matrimonjali taghhom, l-istess intimat qarr mal-intimata illi dakinhar tat-tieg huwa kien wasal tard ghac-cerimonja stante illi kien okkupat jiehu d-droga;

Illi maz-zmien u ftit xhur biss wara z-zwieg, l-intimat kien beda jiehu medikazzjoni u kien ukoll sar vjolenti hafna mar-rikorrenti;

Illi ftit biss wara t-tieg, l-intimat rabba vizzju illi jiehu pilloli 'valium' flimkien mal-alkohol u zviluppa ukoll il-vizzju tax-xorb;

Illi madwar sena wara z-zwieg, ir-rikorrenti insistiet illi riedet tkabbar il-familja u riedet it-tfal izda l-partijiet ma kienx qed jirnexxielhom ikollhom tfal;

Illi hekk kif il-partijiet marru ghand tabib minhabba l-kwistjoni ta’ tfal u fertilita’, gie zvelat illi l-intimat kien qieghed isegwi programm fid-‘detox centre’ u kien imur sabiex jigi somministrat il-‘methadone’ kuljum;

Illi ghalhekk, kien biss wara z-zwieg illi r-rikorrenti skopriet illi l-intimat kellu problemi illi ma kinitx taf illi jezistu u, li kieku kienet konsapevoli taghhom, ma kinitx tizzewweg lill-intimat;

Illi in piu’, ir-rikorrenti mhux biss ma kinitx taf, izda kienet sahansitra ngannata mill-intimat stess illi kien assikuraha illi d-droga kienet problema tal-passat izda fil-fatt ma kienx minnu;

Illi hekk ukoll, madwar tliet snin ilu, u cioe’ madwar hames snin wara z-zwieg, ir-rikorrenti skopriet illi l-intimat kien isofri minn marda illi tittiehed u cioe’ Hepatitis C, fatt illi kieku kienet taf dwaru, zgur illi ma kinitx tizzewweg lill-intimat;

Illi matul iz-zwieg, l-intimat ma kienx jaqdi dmirijietu bhala ragel tal-familja stante illi kien jahdem biss skond l-aptit u mhux b’mod regolari u waqt illi r-rikorrenti martu kienet tmur ghax-xoghol, huwa kien jghaddi l-hin tieghu jixrob f’bars hdejn id-‘detox centre’;

Illi kien hemm zmien meta l-intimat wiret xi flus u minn dakinhar huwa ma wera l-ebda interess illi jkompli jahdem u in piu’ kien nefaq il-flus kollha fi hbieb, alkohol u divertiment, filwaqt illi r-rikorrenti kienet tahdem u tistinka sabiex thallas il-kera tad-dar matrimonjali kif ukoll kontijiet relatati u wara x-xoghol kienet tiehu hsieb ukoll ix-xogholijiet tad-dar, tindif u hasil u tisjir u dan bhala mara ezemplari.

Illi nonostante, it-tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex il-problemi jigu rizolti u l-partijiet jibdew jghixu hajja ta’ koppja mizzewga miftuha anke ghat-tfal, dawn kienu inutili stante illi l-intimat baqa’ jghix il-hajja tieghu b’mod indipendenti minn martu, hajja bbazata biss fuq hrug, xorb u hbieb godda;

Illi ghalhekk, il-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan kif provdut fl-Artikolu 19 (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre, il-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan kif provdut fl-Artikolu 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita' illi jigi misjub illi l-intimat ma kienx afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni jew b'anomalija psikologika kif rikjest mil-ligi, il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kif provdut fl-Artikolu 19 (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi in piu' u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u kif ammess ukoll mill-intimat stess, l-intimat ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-12 ta' Novembru 1999 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-intimat li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan ai termini tal-Artikolu 19 (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fin-nuqqas illi ssib ragunijiet bizzejjed wara illi jkunu instemghu l-provi kollha sabiex tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-Artikolu 19 (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fin-nuqqas illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-tieni u/jew it-tielet talba kif dedotta, tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-Artikolu 19 (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tiddikjara z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-12 ta' Novembru 1999 null u bla effett ghall-finijiet u effetti kolha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ddiferiet il-kawza sine die.

Rat id-digriet tal-4 ta' Novembru 2010, li permezz tieghu, il-kawza regghet tqeghdet fuq il-lista.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-1999. Ftit wara z-zwieg, ir-rikorrenti skopriet illi l-vizzju tad-droga li l-

intimat kien qal li kellu snin qabel u li kien qata', ma kien qatghu qatt. Skopriet li hu kien dejjem baqa' mahkum mill-vizzju, ghalkemm kien stqarr bil-kontra. Kien ukoll affett bil-Hepatitis C. Dan il-fatt ukoll kien zamm mistur.

F'materja ta' qerq, dawn il-Qrati jirritjenu illi:

"*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga*", ("**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Marzu, 1995).

Fil-kaz in ezami, dawn ic-cirkostanzi kollha jissussistu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Novembru 1999 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------